**18 ta' Ġunju, 1984**

**Imħallfin:-**

**Onor. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Donald Orr bħala stralċjarju tal-kumpannija "American Marine and Machinery Company Limited" u in rappreżentanza ta' l-istess

*versus*

Edward Gingell Littlejohn u b'digriet ta' l-4 ta' April, 1978 ġie

msejjaħ fil-kawża Salvatore Bezzina bħala direttur u in rappreżentanza ta' Salv. Bezzina & Sons Ltd.

**Stralċ - Stralċjarju - Irkant - Kreditu - Prezz ta' Bejgħ - Kjamat fil-Kawża - Tpaċija - Kompensazzjoni**

*L-attur stralċjarju aġixxa kontra l-irkantatur għall-prezz ta' bejgħ ta' makkinarju u oġġetti fdati lilu għall-bejgħ. Il-konvenut eċċepixxa illi huwa ma kienx irċieva ħlas għaliex l-akkwirent kien għadu ma ħallasx u talab il-kjamata tiegħu fil-kawża. Il-kompratur kjamat fil-kawża eċċepixxa illi kien xtara b'kompensazzjoni.*

*L-Ewwel Qorti kkundannat lill-konvenut iħallas għaliex* inter alia, *l-attur kien tah mandat u l-konvenut irrilaxxa l-oġġetti lill-konvenut mingħajr ma esiġa pagament.*

*Il-Qorti ta' l-Appell aċċettat in parte l-appell tal-konvenut għaliex irrizulta illi l-attur kien jaf bil-pretensjoni tal-kjamata fil-kawża u baqa' jmexxi bl-irkant u la darba ħa r-riskju u ma waqqafx lill-konvenut ma setax jippretendi l-flus mingħandu. Parti mill-prezz irrizulta però mhux milqut bil-kompensazzjoni u għalhekk is-sentenza appellata ġiet riformata in kwantu miċħuda t-talba attriċi kwantu għall-ammont paċut u milqugħa kwantu għall-ammont l-ieħor mitlub.*

Il-Qorti:-

*Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fl-Onorabbli Qorti tal-*Kummerċ li bih l-attur *nomine*, wara li ppremetta li l-konvenut, bħala rkantatur fuq mandat tiegħu fl-10 ta' April, 1975 biegħ makkinarju tal-kumpannija attriċi bil-prezz kumplessiv ta' elf u ħamsin lira Maltija u ħamsin ċenteżmu (Lm1050.50), skond *statement* ta' l-istess konvenut hemm anness (dok. A) u li l-konvenut għalkemm irrilaxxa l-makkinarju mibjugħ, naqas li jħallas lill-attur *nomine* l-prezz tal-bejgħ fis-somma ta' elf u

ħamsin lira Maltija u ħamsin ċenteżmu (Lm1050.50), talab li l-konvenut, għar-raġunijiet premessi, jiġi kkundannat li jħallas lill-attur *nomine* l-imsemmija somma ta' elf u ħamsin lira Maltija u ħamsin ċenteżmu ( (Lm1050.50) bl-imgħax skond il-liġi u bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-8 ta' Ġunju, 1976 kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa li d-domanda ta' l-attur għandha tiġi miċħuda stante li hija nfondata fid-dritt u fil-fatt in kwantu hija riferita lilu l-konvenut peress li l-bejgħ in kwistjoni sar lil terza persuna, u ċjoè lil Salvatore Bezzina, direttur u in rappreżentanza ta' Salv. Bezzina & Sons Ltd., 1 Church Wharf, il-Marsa, li fil-fatt għadu ma ħallas il-prezz tax-xiri għalkemm mitlub biex hekk jagħmel u għaldaqstant il-konvenut talab li dik il-Qorti tikkjama in kawża l-istess Salvatore Bezzina *nomine* għar-raġuni suesposta;

Rat id-digriet ta' dik il-Qorti ta' l-4 ta' April, 1978 li bih ġie msejjaħ fil-kawża l-imsemmi Salvatore Bezzina *nomine*;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ta' l-imsejjaħ fil-kawża Salvatore Bezzina, bħala direttur u in rappreżentanza ta' Salv. Bezzina & Sons Ltd., li biha eċċepixxa illi t-talba attriċi, kwantu tolqot lilu, hija infondata fil-fatt u fil-liġi stante illi l-prezz ta' l-oġġetti illi huwa xtara kien ġie kkompensat ma' parti mill-kreditu ta' l-istess Salvatore Bezzina *nomine* kontra s-soċjetà attriċi u illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, l-oġġetti akkwistati minnu huma tal-valur ta' tmien mija u disgħa u tmenin lira Maltija (Lm889) u mhux ta' elf u ħamsin lira Maltija u ħamsin ċenteżmu (Lm1050.50);

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ fit-8 ta' Frar, 1982, li biha laqgħet it-talba ta' l-attur kontra l-konvenut u għalhekk ikkundannat lill-konvenut iħallas

lill-attur is-somma ta' elf u ħamsin lira Maltija u ħamsin ċenteżmu (Lm1050.50), għar-raġunijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni u taħt iċ-ċirkostanzi dik il-Qorti ordnat li l-ispejjeż kollha jitħallsu mill-konvenut wara li kkunsidrat:

Fit-30 ta' Mejju, 1979 xehed l-attur Donald Orr li qal li hu kien ġie nnominat stralċjarju tas-soċjetà attriċi li kellha diversi makkinarji. Huwa pprova jbiegħ l-istess però bla suċċess u fl-aħħar avviċina lill-konvenut biex ibigħhom bl-irkant. Sejjaħ lix-*shareholders* fosthom il-kjamat fil-kawża u nfurmahom b'li kien ser jagħmel. F'din is-seduta Salvatore Bezzina ma attendix u għalhekk l-attur kitiblu fis-6 ta' Frar, 1975 biex jinfurmah b'dan. In risposta għall-ittra tiegħu Bezzina informa lill-attur li min kien interessat seta' jmur jara l-affarijiet li kienu għandu, basta javżah 24 siegħa qabel;

L-attur u l-konvenut ftehmu mat-tifel tal-kjamat fil-kawża li kien ukoll segretarju tal-kumpannija u dan fuq il-post u data ta' l-irkant u dan sar fl-10 ta' April, 1975. L-affarijiet inbiegħu bil-prezz ta' Lm1050.50, liema prezz ġie kkonfermat lill-attur bl-i*statement* dok. A. Kien dakinhar li Salvatore Bezzina beda juri li hu kellu xi pretensjoni kontra l-kumpannija għall-kera tal-post fejn kienu miżmuma l-oġġetti;

L-attur talab il-flus li ġabar mingħand il-konvenut, però dan qallu li l-maġġor parti ġew mixtrija minn Bezzina li ma riedx iħallsu. Bħala stralċjarju l-attur Donald Orr ikkonferma bil-ġurament li minn imkien ma jidher li Salvatore Bezzina kien kreditur u meta l-attur kitiblu biex jistaqsih kienx hemm xi *agreement* rigward il-kera, dan ma rrispondihx. Skond l-attur, Bezzina kien qallu li billi kien *Chairman* ta' Bezzina & Sons Ltd. u ta' AMM Co., hu kien għamel ftehim miegħu nnifsu;

Ix-xhieda ta' Salvatore Bezzina più o meno tikkorrobora

dik ta' l-attur u l-fatti fil-fehma tal-Qorti jidhru li huma dawk kif deskritti mill-attur. Sadanittant sa mill-bidu tal-kawża, anzi sa mill-bidu tal-kariga ta' Donald Orr sal-lum, Salvatore Bezzina ma jidhirx li avvanza l-pretensjoni tiegħu sostanzjata b'xi dokumenti jew provi oħra;

Fil-fehma ta' dik il-Qorti, l-attur fil-kwalità tiegħu premessa kien ta l-mandat lill-konvenut biex ibiegħ l-oġġetti fid-dok. A bl-irkant u r-relazzjoni fuq dan ir-rigward kienet bejniethom biss. Infatti, il-konvenut li lanqas biss xehed fil-kawża irrilaxxa l-oġġetti lill-kjamat fil-kawża u ma esiġġix pagament mingħandu. Dawn il-flus ċertament għandu jagħtihom lill-attur biex jiffurmaw parti mill-assi tas-soċjetà attriċi u jsir minnhom skond il-liġi. Ċertament lanqas seta' l-kjamat fil-kawża arbitrarjament iżomm il-flus u jikkompensa lilu nnifsu kif inhu jagħmel fuq kreditu pretiż minnu li sa fejn iwasslu l-provi prodotti hu fittizju;

Għalhekk il-pretensjoni ta' l-attur tidher li hi ġustifikata u timmerita li tiġi milqugħa;

Rat in-nota ta' appell tal-konvenut Edward Gingell Littlejohn ippreżentata fis-16 ta' Frar, 1982;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell ta' l-istess Edward Gingell Littlejohn ippreżentata fit-2 ta' Marzu, 1982, li biha, għar-raġunijiet hekk sottomessi, talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fit-8 ta' Frar, 1982, billi tiċħad it-talba ta' l-attur *nomine* fil-konfront ta' l-istess konvenut Edward Gingell Littlejohn u tilqa' t-talba fil-konfront tal-kjamat in kawża bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-kjamat in kawża jew l-attur *nomine*;

Rat ir-risposta ta' l-appell tal-kjamat fil-kawża Salvatore

Bezzina bħala direttur u in rappreżentanza ta' Salv. Bezzina & Sons Limited li biha issottometta illi l-appell għandu jiġi miċħud billi *ai termini* ta' l-artikolu 142 (1) fil-petizzjoni ma hemmx *a very brief summary* kif titlob il-liġi fil-Kapitolu 15 (Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili) u illi fil-meritu t-talbiet ta' l-appellant għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta ta' l-attur appellat *nomine* preżentata fid-19 ta' Marzu, 1982 li biha ssottometta illi l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż u s-sentenza appellata tiġi kkonfermata;

Rat l-atti l-oħra rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Il-fatti li taw lok għal dan l-appell jistgħu jiġu kkompendjati b'dan il-mod: l-attur, bħala stralċjarju tal-kumpannija attriċi, kien inkarika lill-konvenut, bħala rkantatur, biex ibiegħ b'irkant makkinarju appartenenti lill-istess kumpannija attriċi. Dan il-makkinarju kien jinsab fil-pussess tal-kumpannija Salv. Bezzina & Sons Ltd., li fuq talba tal-konvenut ġiet kjamata fil-kawża. Meta sar l-irkant, il-makkinarju, skond il-konvenut, inbiegħ lill-kumpannija kjamata fil-kawża. Dina l-kumpannija, filwaqt li qiegħda tgħid li mhux il-makkinarju kollu inbiegħ lilha billi l-valur ta' l-oġġetti minnha akkwistati kien jammonta għal tmien mija, disgħa u tmenin lira Maltija (Lm889) u mhux elf u ħamsin lira Maltija u ħamsin ċenteżmu (Lm1050.50), kif mitlub fiċ-ċitazzjoni a bażi tad-dokument a fol. 4 tal-proċess rilaxxat mill-konvenut, qiegħda tippretendi ukoll li m'għandha tħallas xejn billi s-somma dovuta minnha għall-makkinarju li xtrat ġiet ikkompensata in parte mal-kreditu li hi għandha għall-kera kontra l-kumpannija attriċi;

Ikkunsidrat:

F'din il-kawża xehdu biss l-attur Donald Orr u Salvatore Bezzina. Direttur tal-kumpannija li ġiet kjamata fil-kawża. Il-konvenut ma xehedx;

Bid-deposizzjoni ta' l-attur, Donald Orr, jirriżulta li. wara li kien ġie nnominat stralċjarju tal-kumpannija attriċi. huwa kien avviċina lill-konvenut u staqsieh jekk kienx irid ibiegħ il-makkinarju tagħha u l-konvenut kien aċċetta. Dik il-ħabta l-makkinarju kien ġewwa fond f'Kalafrana li qabel kien mikri lill-kumpannija kjamata fil-kawża. Skond l-attur hu nforma b'dak li kien se jiġri lix-*shareholders* tal-kumpannija attriċi f'*general meeting* kif ukoll bil-miktub lil Salvatore Bezzina, li kien l-ikbar *shareholder* fl-istess kumpannija u li però ma kienx attenda l-*general meeting*. L-attur xehed ukoll li dakinhar ta' l-irkant Salvatore Bezzina kien qallu li kien se jibgħat ittra in protesta lill-konvenut għaliex fuq l-affarijiet li kienu se jinbiegħu kellu jieħu tal-kera, jiġifieri talli żammhom fil-fond tiegħu. L-attur xehed ukoll li wara l-irkant il-konvenut kien qallu li l-maġġor parti ta' l-oġġetti kienu inbiegħu lill-kumpannija kjamata fil-kawża;

Mid-deposizzjoni ta' Salvatore Bezzina jirriżulta li meta falliet il-kumpannija attriċi u l-makkinarju tagħha kien baqa' fil-fond ġà mikri lilha u in segwitu mikri lill-kumpannija kjamata fil-kawża. huwa kien ftiehem ma Oscar Agius (illum mejjet) li kien inkarigat għan-nom tiegħu u għan-nom tal-kumpannija attriċi, li għall-i*storage* tal-makkinarju titħallas is-somma ta' tliet liri u ħamsin ċenteżmu (Lm3.50) fil-ġimgħa. Meta sar jaf bl-intenzjoni li jsir l-irkant tal-makkinarju. huwa informa lill-konvenut bil-kreditu tiegħu iżda dana qallu li lilu ma jafux u jekk irid seta' jibbidja. u fil-fatt huwa kien għamel hekk fl-irkant u xtara l-makkinarju. Skond l-istess Salvatore

Bezzina, huwa ma ħallas lil ħadd għall-makkinarju billi l-prezz li kellu jħallas għalih paċih ma' dak li kellu jieħu għall-kera. Skond l-istess Bezzina l-makkinarju kien ilu fil-fond mikri lilu mill-1969;

Ikkunsidrat:

Il-Qorti, fid-dawl tar-riżultanzi proċesswali tħoss li għandha tagħmel din id-distinzjoni - Mid-deposizzjoni ta' l-attur, mhux kontradetta, jirriżulta li mhux l-oġġetti kollha indikati fid-dokument fol. 4 bħala li nbiegħu fl-irkant bil-prezz ta' elf u ħamsin lira Maltija u ħamsin ċenteżmu (Lm1050.50), kienu inbiegħu lill-kumpannija kjamata fil-kawża imma l-maġġor parti tiegħu. L-attur ma ndikax fix-xhieda tiegħu liema parti mill-makkinarju inbiegħet lill-kumpannija kjamata fil-kawża u liema lil ħaddieħor u, kif ingħad, il-konvenut ma xehedx. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti hi tal-fehma li għandha taċċetta l-asserzjoni tal-kumpannija kjamata fil-kawża fin-nota ta' eċċezzjonijiet tagħha li hi xtrat fl-irkant makkinarju li jiswa tmien mija, disgħa u tmenin lira Maltija (Lm889). Għaldaqstant il-Qorti tirritjeni li s-somma ta' Lm1050.50 fuq imsemmija li skond id-dokument a fol. 4, tirrappreżenta l-valur totali tal-makkinarju tal-kumpannija attriċi mibjugħ bl-irkant, hija magħmula minn Lm889 valur ta' makkinarju mibjugħ lill-kumpannija kjamata fil-kawża u minn mija, wieħed u sittin lira Maltija u ħamsin ċenteżmu (Lm161.50), valur ta' makkinarju mibjugħ lil ħaddieħor;

Kwantu għas-somma ta' Lm889, billi mid-deposizzjoni ta' l-istess attur jirriżulta li hu kien jaf bil-pretensjoni tal-kumpannija kjamata fil-kawża għall-kera qabel ma sar l-irkant, il-Qorti hi tal-fehma li ma jistax jippretendiha mingħand il-konvenut. Meta sar jaf b'dik il-pretensjoni, l-attur imissu waqqaf l-irkant iktar u iktar billi l-makkinarju kien fil-pussess

tal-kumpannija kjamata fil-kawża u vverifika sew il-posizzjoni: iżda huwa ħa r-riskju li jagħmel l-irkant u ma tax istruzzjonijiet lill-konvenut biex iwaqqaf u għalhekk ma jistax, issa li l-konvenut ma rnexxilux idaħħal il-flus, jippretendihom mingħand l-istess konvenut. Veru li l-irkantatur konvenut kien jaf ukoll bil-pretensjoni tal-kumpannija kjamata fil-kawża u skond Salvatore Bezzina, baqa' għaddej bl-irkant, però l-Qorti ma tħoss li hu kellu xi tort billi l-attur, li kien tah l-inkariku u li kien jaf bil-pretensjoni tal-kumpannija kjamata fil-kawża ma tahx istruzzjonijiet biex jieqaf mill-irkant. Ir-riskju ħadu l-attur meta ma waqqafx l-irkant;

Lanqas jista' l-attur *nomine* jippretendi s-somma fuq imsemmija ta' Lm889 mingħand il-kumpannija kjamata fil-kawża billi din il-kumpannija, skond id-deposizzjoni ta' Salvatore Bezzina tinsab kreditriċi għall-i*storage expenses* bir-rata ta' tliet liri Maltin u ħamsin ċenteżmu (Lm3.50) fil-ġimgħa minn 1969 'il quddiem u għalhekk f'somma ferm eċċedenti l-imsemmija somma ta' Lm889. Dan il-kreditu huwa ċert u likwidu u kwindi l-istess kumpannija kjamata fil-kawża hija ġustifikata teċċepixxi l-kompensazzjoni;

Il-konvenut però huwa responsabbli għall-ħlas tas-somma ta' Lm161.50 fuq imsemmija. Dina s-somma kif fuq ingħad hija dovuta lill-konvenut għall-makkinarju mhux mibjugħ lill-kumpannija kjamata fil-kawża u kwindi presumibbilment il-konvenut inkassaha mingħand min xtara. Anke jekk ma inkassahiex, l-istess il-konvenut hu responsabbli għall-ħlas tagħha fil-konfront ta' l-attur *nomine*;

Fl-aħħarnett għandu jiġi rrilevat illi l-eċċezzjoni tal-kjamat fil-kawża a rigward il-petizzjoni ta' l-appell tal-konvenut mhux fondata billi l-Qorti ma tirravviża ebda nuqqas fis-sens imsemmi fir-risposta tal-kjamat in kawża;

Għaldaqstant il-Qorti tiddeċidi billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tilqa' t-talba attriċi fil-konfronti tal-konvenut limitatament għas-somma ta' mija, wieħed u sittin lira Maltija u ħamsin ċenteżmu (Lm161.50), u tiċħadha għall-kumplament u billi tiċħadha *in toto* fil-konfront tal-kjamat in kawża *nomine*. L-ispejjeż tal-kjamat in kawża, sia ta' l-ewwel kif ukoll tat-tieni istanzi, jitħallsu kollha mill-konvenut mentri l-ispejjeż l-oħra, sia ta' l-ewwel kif ukoll ta' din l-istanza, jitħallsu kwantu għal sest (1/6) mill-konvenut appellant u kwantu għal ħames sesti (5/6) mill-attur *nomine* appellat.